**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 31 ta` Ottubru 2017**

**Rik. Nru. 1048/16 JZM**

**Grant Limited (C56821)**

***u***

**b`digriet tas-16 ta` Ottubru 2017, l-isem tar-rikorrent kien korrett sabiex gie jaqra : Av. Kathleen Zarb Adami (Karta ta` Identita` Maltija bin-numru 521375M) bhala mandatarja specjali ta` (a) Pavel F Streber (Karta ta` Identita` Franciza bin-numru 070975E001100 (b) Stephane Streber (Passaport Franciz bin-numru 10AX22258 u (c) Verena M Streber (Passaport Franciz bin-numru 07AP97168)**

***kontra***

**Registru tal-Kumpanniji**

***u***

**b`digriet tas-16 ta` Ottubru 2017, l-isem tal-intimat kien korrett sabiex gie jaqra : Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors prezentat fil-<u>15 ta` Novembru 2016</u> li jaqra hekk :–

*Illi (a) Pavel F Streber (Karta ta` Identita` Franciza bin-numru 070975E001100 (b) Stephane Streber (Passaport Franciz bin-numru 10AX22258 u (c) Verena M Streber (Passaport Franciz bin-numru 07AP97168) huma il-membri u d-diretturi tas-socjeta` registrata Malta, Grant Limited, bin-numru tar-registrazzjoni C56821 ;*

*Illi din is-socjeta` giet imhassra minn fuq ir-Registru tas-Socjetajiet mir-Registratur tas-Socjetajiet, b`effett mit-3 ta` Frar 2015 (ara Dok A hawn mehmuz).*

*Illi ghalkemm huwa possibbli li l-avvizi relevant skont it-termini ta` Artiklu 325 tal-Ligi tal-Kumpanniji kienu mibghuta lill-membri u d-diretturi fl-indirizz taghhom, l-istess membri u diretturi huma tal-fehma illi dawn qatt ma rcevew dawn l-avvizi.*

*Illi dak iz-zmien il-membri u d-diretturi tal-kumpannija, li huma kollha membri tal-istess familja, kienu ghaddejjin minn zmien difficli minhabba l-marda u s-sussegwenti mewt tal-mara ta` Pavel F. Stereber, li tigi omm Stephane Streber u Vanessa Streber. Ghalhekk huwa possibbli illi ghalkemm kienu ntbaghtu xi avvizi, dawn setghu gew migbura mill-persuni li dak iz-zmien kienu qeghdin jiehdu hsieb ir-residenzi tas-sinjuri Streber (peress li huma kienu qeghdin ma` ommhom) izda qatt ma gew ghall-attenzjoni tal-membri u d-diretturi.*

*Illi wkoll ghalkemm dawn l-avvizi setghu dehru fil-Gazzetta tal-Gvern lokali, il-membri u d-diretturi m`ghandhomx access ghal din il-Gazzetta minhabba li mhumiex residenti f` Malta.*

*Illi l-kumpannija Grant Limited hija l-azzjonista ta` Protec SA kumpannija sussidjarja registrata Franza. Din is-socjeta` sussidjarja hija nvoluta f` hafna transazzjonijiet improtanti u ghalhekk tkun ta` hsara kbira ghall-membri u d-diretturi ta` Grant Limited jekk is-socjeta` ma tergax tigi nkluza fir-registru tal-kumpanniji billi dan ihalli impatt fuq ir-relazzjonijiet kontrattwali tal-kumpannija sussidjarja taghha Protec S.A. (ara Dok Bhawn*

*mehmuz).*

*Illi minhabba li Pavel F Streber, Stephane Streber u Vetrena M Streber ma kinux konxji li l–kumpannija giet imhassra mir-Registru tal-Kumpanniji huma complex fil-kapacita` taghhom ta` diretturi ta` Grant Limited jaghtu s-servizz taghhom bhala membri u diretturi.*

*Illi bhala parti mill-process mid-"due diligence" kontinwu tal-kumpannija Protec fi hdan in-negozjati ma` terzi persuni, ingibdet l-attenzjoni tal-membri u d-diretturi ta` Grant Limited dwar l-istat prezenti tal-kumpannija.*

*Fid-dawl ta` dan kollu, il-membri u d-diretturi tal-kumpannija Grant Limited jhossu ruhhom aggravati bid-decizjoni tar-Registratur tas-Socjetajiet li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru u jixtiequ li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa : 1) skont Artikolu 325 ta` l-Att tal-Kumpanniji, tordna li l-isem tas-socjeta` Grant Limited jerga` jidhol fir-Registru, u li s-socjeta` Grant Limited ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar ; 2) tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex jinhargu l-avvizi kollha necessarji ai termini tal-Artiklu 325 ta` l-Att dwar il-Kumpanniji.*

Rat id-dikjarazzjoni li ghamel ir-rikorrent Stephane Streber fejn ikkonferma bil-gurament tieghu l-fatti li jikkostitwixxu l-bazi tar-rikors promotur (fol 2).

Rat il-lista tax-xhieda u tad-dokumenti.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati flimkien mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat fit-*22 ta` Dicembru 2016* li taqra hekk :–

*Illi in kwantu ghall-meriti fattwali peress illi l-esponent mhuwiex edott mill-fatti kollha kif dikjarati mir-rikorrent huwa jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju tal-Qorti.*

*Illi l-kumpannija Grant Limited (C56821) giet registrata fit-28 ta` Gunju 2012 u ghalhekk kienet regolata taht l-Att dwar il-Kumpanniji 1995.*

*Illi madankollu l-kumpannija in kwistjoni naqset ghal diversi snin milli tosserva l-obbligi u dmirijiet legali taghha taht l-istess Att. Tant hu hekk illi fil-fatt il-kumpannija de quo ma baghtet l-ebda prospett jew kont annwali sakemm damet fuq ir-Registru.*

*Illi tali nadempjenzi serji u kontinwi wasslu lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex imexxi ai termini tad-disposizzjonijiet ta` l-Artikolu 325 ta` l-Att dwar il-Kumpanniji vis-à-vis il-kumpannija in kwistjoni. Dan sabiex jikkonferma jekk is-socjeta` in kwistjoni kinetx qieghda topera jew tmexxi negozju u jekk l-ufficjali taghha kellhomx xi tip ta` interess illi l-isem tas-socjeta` jibqa` fuq ir-Registru.*

*Illi ghaldaqstant ir-Registratur baghat il-korrispondenza u hareg l-avvizi f`gazzetta li tohrog kuljum u fuq il-website mizmuma minnu, kif inhu marbut illi jaghmel skont l-artikolu suespost izda minkejja dan huwa qatt ma gie infurmat bl-interess tar-rikorrenti illi l-isem tal-kumpannioja jibqa` fuq ir-Registru.*

*Illi nonostante tali nuqqas peress illi minhabba c-cirkostanzi partikolari kif inhuma spjegati fir-rikors promotur, l-esponent qed jadotta linja fejn ma jikkontestax it-talba kif imressqa mir-rikorrenti illi l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuiq ir-Registru jekk dina l-Qorti jidhrilha li huwa xieraq u opportun illi jsir dan fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.*

*Illi r-Registratur jixtieq umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti illi jekk jidhrilha illi l-isem tal-kumpannija ghandu jerga` jitpogga fuq ir-registru tal-kumpanniji, fis-sentenza ghandhom jigu ndikati l-iskop u l-kondizzjonijiet mehtiega skont ic-cirkostanzi tal-kaz odjern. Dan sabiex ir-rikorrenti tkun tista` tirregolarizza l-posizzjoni taghha u ta` l-ufficjali taghha fejn ghandu x`jaqsam l-Att dwar il-Kumpanniji nkluz li jintbaghtu ghar-registrazzjoni l-kontijiet annwali u l-prospetti annwali kollha u li jithallsu l-penalitajiet kollha li huma dovuti lir-Registratur tas-Socjetajiet skont il-ligi.*

*Illi r-Registratur tal-Kumpanniji m`ghandux jinzamm responsabbli ghal ebda spejjez gudizzjarji konnessi ma` dan il-kaz.*

Rat il-verbali tal-udjenzi ta` dan il-procediment.

Semghet ix-xiehda ta` Stephane Streber fl-udjenza tas-16 ta` Mejju 2017.

Rat illi sa mill-udjenza tal-ewwel dehra ta` dan il-procediment, u cioe` l-udjenza tat-12 ta` Jannar 2017, l-azzjonisti tas-socjeta` li l-isem taghha kien thassar urew id-disponibilita` taghhom illi, qabel il-Qorti tqis it-talba, jirregolarizzaw il-pendenzi kollha li s-socjeta` de qua kellha mal-intimat qabel thassar l-isem mir-registru.

Rat illi fil-mori tal-procediment, il-pendenzi kollha tas-socjeta` de qua kienu regolarizzati bis-shih, tant illi l-intimat ikkonferma li ma kellux opposizzjoni li l-isem jerga` jidhol fir-registru.

Rat id-digriet li tat fl-12 ta` Ottubru 2017 fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti kollha tal-procediment.

## II. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Il-rikorrenti mexxew bil-procedura tal-lum abbazi ta` l-Art 325(4) tal-Kap 386. Jirrizulta li r-rikorrenti kienu membri tal-kumpannija de qua u ghalhekk ghandhom *locus standi* biex jipprocedu bl-istanza tal-lum.

Wara li qieset ir-ragunijiet li gabu r-rikorrenti fir-rikors promotur, u li kienu kkonfermati bil-gurament mir-rikorrent Stephane Streber, il-Qorti tghid illi, fl-ghoti tal-provvediment tal-lum, hija sejra tqis illi sa mill-ewwel appuntament tal-kawza, ir-rikorrenti kienu disposti li jirregolarizzaw bis-shih il-pendenzi kollha li kellha l-kumpannija de qua mal-intimat qabel thassar l-isem.

Irrizulta **<u>ppruvat bhala fatt</u>** illi kienu **<u>biss</u>** il-pendenzi u l-inadempjenzi tas-socjeta` de qua li wasslu sabiex jithassar l-isem tas-socjeta` mir-Registru tal-Kumpanniji.

Il-Qorti kkostatat illi fil-mori tal-procediment, ir-rikorrent ffinalizza l-pendenzi **<u>kollha</u>** mar-Registratur tal-Kumpanniji ghas-sodisfazzjon tar-Registratur tant li dan iddikjara li ma kienx qieghed jopponi li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jitqieghed fuq ir-Registru.

Premessi dawn il-fatti, il-Qorti tirrileva illi l-Art 325 tal-Kap 386 jirregola l-imgieba tar-Registratur tal-Kumpanniji anke f`dawk is-sitwazzjonijiet fejn kollox ikun jindika li kumpannija waqfet ghal kollox min-negozju taghha.

Minn dak li rrizulta fil-kawza tal-lum, din il-Qorti ma ssib propju xejn x`ticcensura fil-mod kif gab ruhu l-intimat – anke ghaliex dak li rrileva l-intimat fir-risposta tieghu ma kienx kontradett mir-rikorrenti.

Huwa evidenti illi dak li wassal ghat-thassir tal-isem tal-kumpannija mir-Registru kien dovut **biss** ghan-nuqqasijiet u/jew l-inadempjenzi tas-socjeta`, tramite d-diretturi u/jew il-membri taghha, kienu x`kienu r-ragunijiet – anke jekk ta` natura familjari – li wasslu ghan-nuqqasijiet u/jew inadempjenzi.

Mill-Art 325, huwa s-subinciz (4) li ghandu rilevanza ghas-sitwazzjoni li din il-Qorti ghandha quddiemha fil-kawza tal-lum.

Is-subinciz (4) jaqra hekk –

*Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz tat-thassir … tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta' kopja ufficjali ta' l-ordni mir- Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar, u l-Qorti tista' bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih jghaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

Fil-kaz tal-lum, mhuwiex kontestat illi r-rikorrenti hadu azzjoni fiz-zmien stabbilit mil-ligi.

**Din il-Qorti qieset il-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz, partikolarment dak illi wassal lir-rikorrent sabiex jiehu azzjoni, u tghid illi kollox**

meqjus, hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.

Tinsab hekk sodisfatta anke ghaliex il-qaghda llum giet regolarizzata, tant illi l-intimat mhuwiex kontra li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.

Fl-istess waqt il-Qorti trid taghmel mill-aktar car lir-rikorrenti li bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji b`ebda mod ma ghandu jiftiehem li jfisser li l-Qorti qeghda *carte blanche* lid-diretturi u lill-azzjonisti tas-socjeta` sabiex jirrepetu dak li qabel m`ghamlux tajjeb u skont il-ligi.

Propju xejn minn dan.

Il-Qorti sejra tkun attenta ghall-imgieba tas-socjeta` de qua sabiex taccerta ruhha li bil-fatt illi l-isem jerga` jidhol fir-Registru, il-kumpannija tidhol lura fil-binarji tal-legalita` minghajr ma jkun hemm ghalfejn li r-Registratur tal-Kumpanniji joqghod jagixxi minhabba l-inadempjenzi ta` kull minn huwa responsabbli fis-socjeta` de qua.

Il-Qorti mhijiex sejra taccetta li jkun hemm *sequel* ta` l-inadempjenzi li wasslu ghat-thassir tal-isem.

Jekk ikun hemm *sequel* – tkun xi tkun ir-raguni - allura min huwa responsabbli jkollu jerfa` l-piz tal-agir u/jew tan-nuqqas, ghaliex m`ghandu jkollu l-ebda garanzija illi fil-futur il-Qorti sejra terga` tilqa` favorevolment talba ghar-reinseriment tal-isem, fil-kaz li jerga` jkun hemm thassir tal-isem, minhabba inadempjenzi statutorji tas-socjeta` de qua.

<u>Provvediment</u>

Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif gej –

1) Tordna li l-isem Grant Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C56821 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.

**2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Grant Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C56821 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3) Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun ikkonsenjata lilu mir-Registratur tal-Qrati kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Grant Limited, li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C56821, jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji, jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija Grant Limited (C56821) rega` dahal fir-registru.**

**4) Tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment, u kwalsiasi spejjez ohra li jkunu talvolta mehtiega sabiex l-isem tal-kumpannija Grant Limited (C56821) jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**